**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Isabelle Chetcuti**

**Illum, 06 ta' Gunju 2018,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **Isabelle Chetcuti,** detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 454469M;

Akkuzata talli:

1. F'dawn il-gzejjer, fit-12 ta' Dicembru 2010 f'xi hin bejn nofs in-nhar u l-erbgha ta' wara nofs inhar, gewwa l-Mosta ingurjat jew heddet, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta'

tnejn inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioè PS 300 A. Abela, PC 498 C. Farrugia, Dr. Ivan Cacciottolo MD, Reg. No. 2306, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-serivzz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew hebbet kontra PS 300 A. Abela u PC 498 C. Farrugia u cioè persuni inkarigati skont il-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorità kompetenti, u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kienet fil-pubbliku, qallet xi kliem oxxen jew indicenti u dan bi ksur ta' Artikolu 338(bb) u 342 ta' Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioè PS 300 A. Abela, PC 498 C. Farrugia u, jew ma hallietx jew fixklithom saqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, je b'mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmirijiethom, billi ma hallietx lili haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar tali fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta' tal-vittimi billi tipprotegihom minn kull biza' ta' fastidju jew forma ta' imgieba li ggib il-biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzata.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata fis-seduta tal-lum 06 ta' Gunju 2018;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat u qieset il-provi kollha prodotti;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikunsidra l-posizzjoni taghha, u din l-ammissjoni giet debitament registrata fil-verbal tal-lum stess fl-atti tal-kawza odjerna;

Ikkunsidrat:

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(bb) (ee) (dd) u 342 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u qieset l-ammissjoni tal-

imputata, u l-istqarrija tal-imputata minn fejn jirrizultaw ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna;

Il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghha. Stante ir-rijabilitazzjoni tal-imputata minn dakinhar tal-incident sal-lum, il-Qorti hija tal-fehma illi  piena karcerarja mhix idonea fil-kaz odjern u ghalhekk tittratta mal-imputata billi tillibera lill-imputata mill-akkuzi migjuba kontra taghha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien sena mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur